# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 4 ta' Novembru, 2024**

**Numru : 31**

**Rikors numru 692/2021/1 FDP**

**Francis E. Sullivan & Company Limited (C353)**
**v.**
**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mis-soċjetà rikorrenti u appell imressaq mill-Avukat tal-Istat minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha nhar id-9 ta' Marzu 2023. L-Ewwel Qorti sabet li ġew miksura d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hekk kif imħarsa bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-

Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali wara dewmien irraġonevoli li ġarrbet sabiex jiġi appuntat l-appell ċivili fl-ismijiet '**Francis E. Sullivan & Company Limited vs International Catering SRL**' (rikors ġurament numru 651/2015). L-Avukat tal-Istat ġie ordnat iħallas kumpens fl-ammont ta' erbat elef u ħames mitt ewro (€4,500).

2. Is-soċjetà rikorrenti ressqet appell unikament fuq l-ammont ta' danni likwidati favuriha għaliex tilmenta li kellhom ikunu ogħla. L-Avukat tal-Istat ressaq appell jilmenta li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx li l-azzjoni kienet intempestiva u li r-rikorrenti kellha rimedji ordinarji għad-dispożizzjoni tagħha u li l-Istat ma kellux jinstab responsabbli.

**Daħla**

3. Is-soċjetà rikorrenti ġiet iddikjarata kreditriċi tas-soċjetà International Catering SRL fl-ammont ta' EUR96,848.29 permezz ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-6 ta' Ottubru 2015 u dan wara li ma tħallsitx ta' prodotti fornuti minnha. Il-proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ġew imressqa abbażi tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-soċjetà International Catering SRL ressqet appell nhar is-26 ta' Ottubru 2015 li ġie appuntat għas-smigħ nhar it-13 ta' Ottubru 2020. Jidher li saru diversi seduti u l-appell intbagħat *sine die* għaliex is-soċjetà International Catering SRL ma kinitx notifikata bl-avviż tas-smigħ u l-kawtela, u wara diversi tentattivi deher avukat għan-nom tas-soċjetà

International Catering SRL fil-5 ta' Ottubru 2021 iżda l-appell ma ġiex kawtelat u r-rikors ġie differit *sine die*. Konsegwentement talbu lill-Ewwel Qorti:

> *"Għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara:*
>
> *1. li t-tul ta' żmien li qiegħed jittieħed sabiex jiġi konkluż l-Appell fl-ismijiet 'Francis E. Sullivan & Company Limited v. International Catering SRL' (Appell Ċivili Numru 651/2015), huwa rraġonevoli;*
>
> *2. li tali teħid ta' żmien jammonta għal vjolazzjoni tad-dritt tas-soċjeta' rikorrenti għall-smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli kif sanċit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-liġi tramite l-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*
> *3. tagħti dak ir-rimedju li jidrilha xieraq u opportun sabiex jindirizzaw tali vjolazzjoni b'mod effettiv fosthom li tillikwida dak il-kumpens ġust.*
>
> *Bl-ispejjeż."*

4. L-Avukat tal-Istat ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:

> *"1. Illi r-rikorrenti trid jipprova sal-grad rikjest mil-Liġi d-dewmien li tillanja dwaru u li tali dewmien huwa tassew leżiv tad-drittijiet fundamentali tagħha, kif tallega;*
>
> *2. Illi sabiex kwalunkwe dewmien jitqies li huwa leżiv tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, dina l-Onorabbli Qorti għandha tqis il-proċeduri in eżami fit-totalita` tagħhom, u għandha tkun sodisfatta li l-kriterji dwar ir-raġjonevolezza ta' kull dewmien japplikawx għall-każ de quo – ossia l-kwistjoni tal-kumplessita` tal-kawża, il-kondotta tal-partijiet, il-kondotta ta' l-awtorita` kompetenti [li għad mhux ċar liema hi mir-rikors promotur – jekk hux il-Qorti stess jew ir-Reġistratur tal-Qorti], u l-importanza tas-subjecta materiae in disputa;*
>
> *3. Illi din l-azzjoni hija intempestiva, in kwantu jirriżulta ex admissis li l-proċeduri ġudizzjarji li r-rikorrenti tillanja dwarhom għadhom għaddejjin, u ma hemm xejn li jostakola lir-rikorrenti milli jipprezentaw rikorsi quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għal rimedju, inkluż occorrendo talba sabiex jiġi ddikjarata d-deżerzjoni ta' l-appell;*
>
> *4. Illi l-esponenti jikkontendi li l-allegat dewmien lanjat ma jikkostitwix leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;*
>
> *5. Illi fir-rigward it-tieni talba, mingħajr preġudizzju għall-premess, anke jekk, għall-grazzja ta' l-argument, u għall-grazzja ta' l-argument biss, dina l-Onorabbli Qorti kellha tirriżultalha vjolazzjoni kif pretiż mir-*

*rikorrenti, id-dikjarazzjoni li seħħet leżjoni fiha nnifisha għandha tikkostitwixxi 'just satisfaction';*

*6. Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, u f'każ li dina l-Onorabbli Qorti kellha tikkunsidra l-likwidazzjoni ta' kumpens favur ir-rikorrenti, considerando li l-mertu tal-kawża li dwarha r-rikorrenti tillanja hija effettiva ta' debt collection, u li r-rikorrenti se tgawdi minn imgħax ta' 8% favuriha jekk tirbaħ l-appell, rata ferm u ferm ogħla minn dak li jagħtik bank jew investiment ieħor, fl-aħjar ipotesi għar-rikorrenti, dina l-Onorabbli Qorti għandha tillikwida kumpens ta' natura morali biss.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

5. Permezz tas-sentenza tal-Ewwel Qorti tad-9 ta' Marzu 2023 ġie deċiż li:

*"Tiċħad l-eċċezzjonijet ta' l-Avukat tal-Istat.*

*Tilqa' l-Ewwel Talba tas-soċjeta' rikorrenti kif ġej billi:*
*Tiddikjara illi t-tul ta' żmien li ttieħed sabiex jiġi konkluż l-Appell fl-ismijiet 'Francis E. Sullivan & Company Limited vs International Catering SRL' (Appell Ċivili Numru 651/2015) huwa irraġonevoli.*

*Tilqa' t-Tieni talba u tiddikjara li tali teħid ta' żmien jammonta għal vjolazzjoni tad-drittijiet tas-soċjeta' rikorrenti għal smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli kif sanċit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-liġi tramite l-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Tilqa t-Tielet Talba u għalhekk:*

*Tillikwida bħala rimedju li għandu jitħallas lis-soċjeta' rikorrenti kawża tal-leżjoni flagranti tad-dritt tagħha għas-smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli fl-ammont ta' erbat elef u ħames mitt Ewro (€4,500).*

*L-ispejjeż jitħallsu mill-intimat l-Avukat tal-Istat."*

6. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"21. Din il-Qorti ser tgħaddi biex teżamina l-kwistjonijiet fil-mertu. Il-Qorti ser titratta l-allegat ksur tal-jeddijiet lamentati mis-soċjeta' rikorrenti taħt l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*22. L-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi:*

*"Kull Qorti jew awtorita`oħra ġudikanti imwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċedura għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita` oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smiegħ xieraq għeluq żmien raġonevoli."*

*23. L-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea jistipula:*

*"Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smiegħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali imwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta nazzjonali f'soċjeta' demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew sa fejn ikun rigorażament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita` tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja."*

*24. F'dan il-kuntest huwa relevanti li jinsab assodat fil-ġurisprudenza ta' Strasbourg u tal-Qorti Kostituzzjonali, li biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm nuqqas ta' smiegħ xieraq wieħed irid jeżamina l-proċedura ġudizzjarja kollha kemm hi fit-totalita` tagħha. (Ara ad. eż. l-każ Van Mechelen and Others vs The Netherlands deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-23 ta' April 1997, fejn ingħad hekk:*

*"When deteriming if there has been a breach of the right to a fair hearing the court makes an evaluation of the fairness of the entire domestic proceedings…this approach also enables the Court to consider whether defects in first instance proceedings have been rectified by subsequent appellate hearings……"*

*25. Fil-każ Dimech vs Malta (34373/13) deċiża fit-2 ta' April 2015, ġie ritenut li f'każ ta' stħarriġ jekk il-proċedura ssodisfatx ir-rekwiżiti tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea:*

*"The Convention organs have also consistently held that such an issue cancan only be determined by examining the proceedings as a whole, save where an event or particular aspect may have been significant or important that it amounts to a decisive factor for the overall assessment of the proceedings as a whole – pointing out, however, that even in those cases it is on the basis of proceedings as a whole that a ruling should be made as to whether there has been a fair hearing of the case (see inter alia X vs Switzerland no.9000/80, Commission decision of 11 March 1982; B vs Belgium Commission decision of 3 October 1990)".*

*26. Il-ġurisprudenza tgħid ċar u tond, li sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm smiegħ xieraq fi proċeduri ġudizzjarji fi żmien raġonevoli a tenur tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, iridu jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha partikolari f'dik il-proċedura u l-pro edura trid titqies fit-totalita` tagħha.*

*27. Fil-każ in eżami jirriżulta, li fl-ewwel proċedura quddiem l-ewwel Qorti, il-proċess ħa b'kollox tlett xhur sabiex tingħata d-deċiżjoni mill-ewwel Qorti. Fil-fatt, il-każ kien ġie ippreżentat fis-6 ta' Lulju 2015 u ġie deċiż fis-6 ta' Ottubru 2015, il-każ ġie deċiż f'perjodu qasir ħafna.*

*28. Jirriżulta sussegwentement li s-soċjeta' International Catering Srl fis-26 ta' Ottubru 2015, ippreżentat rikors quddiem il-Qorti tal-Appell, fejn talbet lill-Qorti tiċħad is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015 mogħtija mill-ewwel Qorti. Sussegwentement fis-17 ta' Novembru 2015, is-soċjeta' Francis E. Sullivan & Company Limited ippreżentat ir-risposta tagħha kif jidher minn Dok C mar-rikors promotur. Jirriżulta li d-dewmien prinċipali kien fl-istennija tal-appuntar għall-appell, billi jidher minn Document D eżebit, li fis-26 ta' Awissu 2020, il-Qorti tal-Appell iffissat is-smiegħ ta' dan il-każ għat-13 ta' Ottubru 2020, ħames snin wara li ġie intavolat l-istess appell.*

*29. Jirriżulta, li meta ħareġ l-avviż ta' smiegħ bil-kawtela, in-notifika riedet issir lis-soċjeta' appellanti ġewwa Genoa, L-Italja, bir-riżultat illi fl-ewwel seduta tat-13 ta' Ottubru 2020, is-soċjeta' appellanti ma dehritx. Konsegwentement, l-appell ġie differit għall-istess skop għall-1 ta' Diċembru 2020 kif jidher minn Dok E fol 13 u mir-rikors tal-appell anness ma' din il-proċedura.*

*30. Jirriżulta wkoll, li sussegwentement, li fl-1 ta' Diċembru 2020 is-soċjeta' appellanti reġgħet ma dehritx peress li ma kinitx debitament notifikata bl-avviż tas-smiegħ u l-appell ġie differit sine die. In segwitu, wara digriet mogħti fid-9 ta' Ġunju 2021, kif jidher minn Dok G fol 15, l-appell ġie riappuntat għas-seduta ta' nhar il-5 ta' Ottubru 2021. Fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2021, peress li s-soċjeta' appellanti ma ħaditx interess tikkawtela l-appell tagħha, b'hekk il-Qorti tal-Appell iddeferixxiet il-każ sine die.*

*31. Il-Qorti tosserva illi ta' rilevanza, fil-każ tat-tip odjern, huwa l-każ David Martinelli vs Avukat Ġenerali et deċiż mill-Prim' Awla Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-3 ta' Lulju 2008 li tratta dan il-punt tad-dewmien, u ntqal, li fl-istħarriġ m'hemmx leżjoni abbażi tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha partikolari f'dawk il-proċeduri u b'mod partikolari:*

1. *In-natura u/jew komplessita tal-każ in kwistjoni*
2. *Il-kondotta tal-partijiet fil-kawża*
3. *Il-mod kif dawk il-proċeduri ġew trattati u kondotti mill-awtorita` ġudizzjarja stess.*

*32. Referibbilment għal dawn it-tlett fatturi prinċipali li għandhom jiġu eżaminati, l-Avukat tal-Istat irrefera, għall-kawżi Nazzareno sive Reno Zarb vs Avukat Ġenerali deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Ottubru 2003, Francis Said vs Avukat Ġenerali deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Frar 2010, Sydney Ellul Sullivan vs il-Kummissarju tal-Pulizija et deċiż fit-28 ta' Jannar 2013 u Victoria Cassar vs Avukat Ġenerali et deċiż*

*mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru 2019, fejn f'dan l-aħħar każ ingħad:*

> *"Huwa fid-diskrezzjoni tal-qorti illi tagħrbel u tislet sewwa sew il-għaliex il-proċeduri twalu daqstant u allura b'dak id-dewmien esagerat u mhux ġustifikat seħħet vjolazzjoni tal-jedd għal smiegħ xieraq. Fil-kompitu tagħha l-Qorti trid tkun indikata minn tlett indikaturi ewlenin:*
> *i) il-kumplessita` tal-każ, ii) l-imġieba proċesswali tal-kontendenti u iii) il-kondotta tal-proċeduri mill-organu ġudizzjarju."*

*33. Dwar is-smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli l-awturi Harris, O' Boyle and Warbick fil-ktieb Law of the European Convention of Human Rights (raba' edizzjoni (2018)) jispjegaw illi:*

> *"The purpose of the reasonable time guarantee, which applies to both criminal and non-criminal cases, is to protect 'all parties to court proceedings … against excessive procedural delays' (Stogmuller vs Austria A 9 (1969) p.40, 191. On the guarantee, see Henzelin and Rordorf, 5 Nj ECL 78 (2014) and 'underlines the importance of rendering justice without delays which might jeopordise its effectiveness and credibility' (H vs France A 162-A) 1989); EHRR 74 para 58).*
>
> *The reasonabless of the length of proceedings in both criminal and non-criminal cases depends on the particular circumstances of the case (Konig vs Germany A 27 (1978); 2 EHRR 170 PC and Pedersen and Baadsgaard Rikors Nru 692/2021–Francis E. Sullivan & Company Limited vs l-Avukat tal-Istat vs Denmark 2004-XI; 42 EHRR 486 GC). There is no absolute time-limit. Factors that are always considered are the complexity of the case, the conduct of the applicant, and the conduct of the competent administrative and judicial authorities (Konig vs Germany; ibid). The Court also takes into account what is 'at stake' for the applicant (Frydlender vs France 2000-VII; 31 EHRR 1152 GC, what is 'at stake' is sometimes treated as a separate fourth factor: see eg. Surmeli vs Germany 2006 - VII; 44 EHRR 438 GC)."*

*34. Fil-każ in eżami, l-ewwel ilment prinċipali tas-soċjeta' rikorrenti huwa dwar id-dewmien, speċifikatament fl-istennija għall-appuntar fl-istadju tal-appell għaliex dak il-perjodu dam ħames snin fejn is-soċjeta' rikorrenti saħqet li d-dritt għal smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli ġie leż, minħabba il-perjodu ta' dewmien fl-istennija għall-appuntar tas-smiegħ għall-appell.*

*35. Il-Qorti tosserva illi m'hemmx dubju li d-deċiżjoni fl-ewwel grad ingħata b'mod immedjat. Inoltre`, anke wara l-appuntar tas-smiegħ, ma kienx hemm dilungar mill-Qorti tal-Appell, għaliex kull darba li s-soċjeta' appellanti naqset milli tidher u milli tikkawtela l-appell tagħha, il-Qorti tal-Appell ħalliet il-kawża sine die. Fil-fatt, l-aħħar darba li tħalliet il-kawża sine die kien fil-5 ta' Ottubru 2021.*

*36. Jidher ċar illi d-dilungar fl-istadju tas-smiegħ tal-appell kien attribwibbli UNIKAMENT lis-soċjeta' appellanti International Catering Srl w il-konsulent legali tagħha, għaliex evidentement, il-ħin li nħela kien kollu da parti tagħha, l-ewwel sabiex issir in-notifika lis-soċjeta' appellanti*

*ġewwa Genoa, l-Italja, l-ewwel differimenti li sar fl-istadju tal-appell kienu għal dan l-iskop, u sussegwentement, is-soċjeta' appellanti naqset milli tiehu ħsieb u tikkawtela l-appell tagħha.*

*37. Għalhekk, indubbjament, is-soċjeta' International Catering Srl, bl-assistenza intenzjonali tal-konsulent legali tagħha, bdiet tuża id-dritt ta' appell bħal strateġija sabiex taħli l-ħin u tiddilunga milli tħallas l-ammont skont dak deċiż fis-sentenza tal-Qorti tal-ewwel istanza.*

*38. Il-pern ta' l-ilment tas-soċjeta' rikorrenti huwa dwar il-perjodu li l-każ dam quddiem il-Qorti tal-Appell, u speċifikatament il-perjodu ta' ħames snin sakemm ġie appuntat l-appell. Fis-sottomissjonijiet, is-soċjeta' rikorrenti aċċennat għall-fatt li, minkejja li s-somma pretiża li ġiet solidifikata permezz tas-sentenza tal-ewwel qorti, dina qatt ma setgħet tiġi mogħtija lis-soċjeta' rikorrenti għaliex fl-ebda stadju ma din kellha titolu eżekuttiv. Ġie sottomess ukoll li filwaqt li kien minnu li s-soċjeta' rikorrenti ġiet mistiedna sabiex tikkonkorri ruħha bħala kreditriċi tas-soċjeta' estera fil-proċedura ta' falliment ġewwa l-Italja, però s-soċjeta' rikorrenti qatt ma setgħet tiddikjara lilha innifisha bħala kreditur għaliex f'dak iż-żmien li ntbagħtet l-ittra ta' konkorrenza jiġifieri f'Settembru 2016, is-soċjeta' estera kienet ilha kważi sena li appellat mis-sentenza tal-ewwel Qorti f'Malta u għalhekk is-soċjeta' rikorrenti ma kellhiex titolu eżekuttiv sabiex tkun tista' tiddikjara lilha nnifisha kreditur tas-soċjeta' estera għaliex kienet għadha qed tistenna l-Appell f'Malta jiġi appuntat.*

*39. Minn naħa l-oħra, l-Avukat tal-Istat, fis-sottomissjonijiet tiegħu sostna, li l-ilment Kostituzzjonali odjern mhijiex lanjanza solita biss dwar id-dewmien biex tiġi deċiża. Iżda, f'dan il-każ, is-soċjeta' rikorrenti qed tilmenta li minħabba d-dewmien sabiex isir l-appell, tilfet l-opportunita li tiġbor kreditu mingħand debitur tagħha li laħaq falla. Għalhekk l-Avukat tal-Istat issottolinea fis-sottomissjonijiet li ma kienx kwalunkwe dewmien biex l-appell jiġi appuntat, mismugħ u deċiż li ppreġudika l-pożizzjoni tas-soċjeta' rikorrenti biex tirkupra l-kreditu vantat minnha. Fil-fatt, Alexander Sullivan fl-affidavit tiegħu, sostna li s-soċjeta' rikorrenti ftit anqas minn sena wara li ġie intavolat l-appell, kienet irċeviet avviż minn Qorti Taljana li d-debitur tagħha kienet fetħet proċeduri ta' falliment ġewwa l-Italja u s-soċjeta' rikorrenti kienet ingħatat terminu biex tagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tagħha lill-kuratur konċernat. Inoltre`, jirriżulta ċar, li fl-andament tal-appell stess id-debitur tas-soċjeta' rikorrenti kien qiegħed itawwal b'mira ċara li jaħli l-ħin, itawwal iż-żmien, u jgħaddi lis-soċjeta' rikorrenti biż-żmien.*

*40. Il-Qorti tosserva li, kkunsidrati l-punti kollha sollevati, xorta waħda jeħtieġ li jiġu evalwati it-tlett konsiderazzjonijiet supraċitati (kif elenkati fil-ġurisprudenza, u fil-każ David Martinelli vs Avukat Ġenerali et), u jinstilet il-fatt saljenti li seta' wassal għal dewmien, anke jekk evidentement fil-każ in eżami, ma kienx hemm l-ebda dilungar leġġer jew kappriċċuż.*

*41. Hawnhekk, issir referenza għall-każ Leo Micallef et vs Avukat tal-Istat deċiż mill-Prim' Awla Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) (62/2018) fit-*

*30 ta' Settembru 2021. Dan il-każ jitratta ilment simili għal dak tal-kawża odjerna, fejn ir-rikorrenti f'dak il-każ kienu qed jilmentaw minn dilungar proprju fl-istadju tal-istennija għall-appuntar ta' l-appell. Jiġi osservat, li f'dak il-każ iż-żmien li r-rikorrenti damu jistennew sabiex jiġi appuntat l-appell kien erba' snin u tmien xhur filwaqt li fil-każ in eżami t-terminu ta' stennija għall-appuntar tal-appell kien ta' ħames snin u għaxart ijiem. Jiġi osservat ukoll, li din id-deċiżjoni fil-każ Micallef et vs Avukat tal-Istat et ma ġietx appellata.*

*42. F'dik is-sentenza ġie spjegat fit-tul għaliex il-każ idum fil-kju sakemm jiġi appuntat għall-appell. Din il-Qorti ser tikkwota estratti minn dak enunċjat fil-każ suċitat Leo Micallef et Avukat tal-Istat, fejn intqal hekk:*

> *"Illi jibda billi jingħad li l-Onorabbli Qorti tal-Appell mhux biss hija mgħobbija bis-smiegħ tal-appelli tal-Prim' Awla Qorti Ċivili, pero hija wkoll mgħobbija b'appelli mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Għawdex), mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja (Għawdex) u mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Kummerċ), dan skont Art 41(8) tal-Kodiċi Ċivili. Mhux biss, il-Qorti tal-Appell tieħu wkoll konjizzjoni tal-appelli imsemmijin fl-Artikoli 6 tal-liġi dwar il-legati taż-żwieġ, skont l-Artikolu 42 tal-Kodiċi Ċivili, kif ukoll ta' kawżi oħra li bid-disposizzjonijiet espressa tal-liġi huma mħollijin għaliha, skont l-Artikolu 44 tal-Kodiċi Ċivili. Kif hu mistenni wkoll mingħajr distinzjoni jridu jingħataw smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli. Mill-banda l-oħra, irid jingħad ukoll li l-Onorabbli Qorti tal-Appell hija wkoll tenuta li f'ċirkostanzi partikolari elenkati fil-liġi, jitqegħdu l-ewwel għas-smiegħ, u fil-fatt jinstemgħu l-ewwel kawżi segwenti:*
>
> *Kawżi ta' ritrattazzjoni*
> *Kawżi ta' spoll imsemmija fl-Artikolu 791 tal-Kodiċi*
> *Kawżi dwar disprezz tal-Qorti*
> *Appelli minn deċiżjonijiet tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)*
> *Kawżi li għandhom x'jaqsmu ma' l-għarfien u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi barranin*
> *Kawżi ta' arbitraġġ*
> *Kawżi li minn natura tagħhom stess jeħtieġ li jiġu trattati bi speditezza akbar.*
>
> *Għalhekk, essenzjalment l-Onorabbli Qorti tal-Appell m'għandhiex kontroll sħiħ fuq il-lista u dan stante li meta jidħol appell li jrid jingħata priorita` kif timponi l-liġi, l-Onorabbli Qorti tal-Appell m'għandhiex għażla oħra ħlief li tappuntah u tiddeċidieh qabel każijiet oħra. Ovvjament dawn il-każi jingħataw il-preċedenza stante li minn natura tagħhom huma urġenti. Dan iżda xejn ma jrendi d-dewmien ta' smiegħ ta' appelli oħra ġustifikati tenut kont taċ-ċirkostanzi.*
>
> *Fil-każ odjern jirriżulta li għal perjodu ta' ben aktar minn erba' snin, minn meta ġie intavolat l-appell u r-risposta għall-istess fil-proċedura ta' dak l-istess appell ma sar xejn għajr li kien jistenna fil-kju sabiex jiġi appuntat. Għalhekk, ma jirriżultax li f'dan ir-rigward kien hemm xi nuqqas li jista' jiġiaddebitat lil xi parti jew oħra. Din il-Qorti tqis li l-perjodu ta' erba' snin, tmien xhur u tmint ijiem huwa wieħed pjuttost twil anke meta komparat ma' żminijiet oħra fejn l-appelli quddiem l-istess Qorti kienu jieħdu ferm anqas biex jiġu appuntati. Din il-Qorti temmen li dan id-dewmien ma kienx*

> *riżultat ta' ineffiċjenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, pero` kien riżultat ta' bosta nuqqasijiet fis-sistema ġudizzjarja kif stabbiliti mill-Istat, inkluż numru limitat ta' ġudikanti li mhumiex biżżejjed biex ilaħħqu max-xogħol kollu li jidħol fil-Qrati, inkluż fil-Qorti tal-Appell, kif ukoll nuqqas mhux żgħir ta' ħaddiema kwalifikati fil-Qrati li jgħinu sabiex il-proċeduri ikunu jistgħu jimxu b'aktar speditezza inklużi 'clerks', 'deputati' u anke 'Avukati tal-Qorti'. Tant kienu evidenti dawn in-nuqqasijiet li malli ġiet ikkreata it-tielet sezzjoni tal-Qrati tal-Appell, kif jissottomettu l-istess rikorrenti, iż-żmien li wieħed jistenna biex appell jiġi appuntat naqas għalkemm xorta għadu wieħed twil. Għal dawn in-nuqqasijiet fis-sistema jista' biss jaħti l-Istat u ħadd aktar."*

*43. Din il-Qorti tikkondividi dan l-argument kif suċitat, u in vista tas-suespost tqis li l-ilment tas-soċjeta' rikorrenti dwar id-dewmien sabiex ġie appuntat l-appell huwa ġustifikat, għalhekk ser tgħaddi biex tiddikjara ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*44. Din il-Qorti, madanakollu, tħoss illi għandha żżid is-segwenti konsiderazzjonijiet:*

*45. Il-Qrati tal-Ġustizzja, filwaqt illi ictu oculi, għandhom ikunu ir-renju fejn issaltan il-Ġustizzja w l-indipendenza tal-Ġudikatura, huma madanakollu kkundizzjonati u mxekkla severament mill-investment, jew nuqqas ta' tali investiment, li għalih huwa  repsonsabbli unikament l-Eżekuttiv, ossija l-Gvern.*

*46. Huwa fatt inkontestat illi, f'dawn l-aħħar deċenni, in-numru ta' kawżi mressqa quddiem il-Qrati, u aktar minn hekk, il-komplessita' ta' tali każi, żdied b'mod konsiderevolment, liema żieda, madanakollu, ma ġiet qatt riflessa f'żieda adegwata ta' investiment fil-Qrati.*

*47. Filwaqt illi ċ-ċittadin għandu dritt illi jingħata s-servizz minnu rikjest fi żmien raġjonevoli, daqstant il-Ġudikatura għandha d-dritt illi tippretendi li l-Eżekuttiv jipprovdilha l-għodda u riżorsi sabiex tkun tista' trendi tali servizz liċ-ċittadin.*

*48. Jidher ċar, madanakollu, illi l-Eżekuttiv, illi fl-aħħar mill-aħħar huwa dak illi jiddeċiedi x'riżorsi għandhom jingħataw lill-Qrati sabiex joperaw b'mod effiċjenti, baqa' retiċjenti u konservattiv ħafna fl-investimenti fil-Qrati fejn jirrigwarda riżorsi, kemm f'nies kif ukoll fi spazju meħtieġa għall-Qrati, bir-riżultat illi huwa fiżikament impossibbli għal kwalsiasi Ġudikant illi jopera b'mod effiċjenti u effettiv sabiex iċ-ċittadin jingħata s-servizz minnu pretiż fi żmien raġjonevoli.*

*49. Ta' tali nuqqas, huwa l-Eżekuttiv biss illi għandu jirrispondi, stante illi huwa fatt inkonfutabbli li n-numru ta' Ġudikanti assenjati fil-Qrati huwa ferm aktar baxx minn kwalsiasi pajjiż ieħor fl-Istati Ewropej u n-numru ta' staff addetti ma' tali Ġudikanti qiegħed, aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar jonqos minħabba fis-salarji miżeri li preżentement l-Eżekutiv qiegħed joffri sabiex jattira persuni jaħdmu fil-Qorti.*

*50. Hija tassew ta' għajb illi s-soċjeta' rikorrenti, bħala entita illi kellha d-dritt li tippretendi servizz milll-Qrati fi żmien raġjonevoli, kellha tistenna aktar minn sitt snin sabiex il-każ tagħha jiġi finalment eżegwibbli, iżda huwa daqstant ta' għajb l-abbuż sfaċċjat u spuderat ta' persuni, u partikolament membri tal-Avukatura, illi jabbużaw minn nuqqasijiet ikkawżati mill-Eżekuttiv, sabiex jakkwistaw benefiċċji a favur tal-klijenti tagħhom, liema benefiċċji huma jkunu ben jafu li ma għandhomx u li, għalhekk, jadoperaw tali proċeduri UNIKAMENT sabiex itawwlu l-eżitu tad-deċiżjoni finali.*

*51. Il-Qorti tagħmilha ċara illi hija ma kien ikollha ebda diffikulta illi ssib lis-soċjeta' Estera kif ukoll l-Avukat Malti tas-soċjeta' estera personalment responsabbli għal tali dewmien, in vista tal-abbuż li seħħ xjentement, tal-proċeduri tal-appell, li kieku s-soċjeta' rikorrenti intentat l-azzjoni kontra tiegħu, iżda, madanakollu, s-soċjeta' rikorrenti indirizzat l-ilment tagħha unikament lejn l-operat tal-Qrati, w partikolarment il-Ġudikatura, meta l-Ġudikatura hija fl-impossibbilta' illi topera b'mod effiċjenti u effettiv minħabba fin-nuqqasijiet serji ta' investiment imputabbli UNIKAMENT lejn l-Eżekuttiv u i-nuqqas ta' investimenti da' parte tiegħu.*

*52. Dana qiegħed jingħad, għax ma huwiex ġust u korrett illi l-Istat għandu jerfa' l-konsegwenzi kollha ta' sitwazzjoni illi jidher ċar li ġiet xjentement abbużata mis-soċjeta' estera bl-assistenza u direzzjoni tal-konsulent legali tagħha, u dan għandu jiġi rifless fid-danni li għandhom jiġu likwidati.*

*53. Dana qiegħed ukoll jingħad għax is-soċjeta' rikorrenti ma tistax tqis tali proċeduri unikament bħala mezz ta' riżarċiment tas-somma ta' €98,848.29 illi hija tikkontendi li ma tħallsitx riżultat tal-fatt li ma setgħetx tipparteċipa fil-proċeduri ta' stralċ tas-soċjeta'estera riżultat, aktar w aktar meta l-istess soċjeta' rikorrenti ma eżawrietx id-dritt lilha mogħti fl-Artikolu 266 tal-Kap 12, biex titlob l-eżekuzzjoni provizzorja tad-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti.*

*54. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Avukat tal-Istat m'għandux jerfa' r-responsabbilta' kollha tad-dewmien.*

*55. Finalment, ikkunsidrat il-fatti kollha, bħala rimedju għal-leżjoni li s-soċjeta' rikorrenti ilmentat dwarha, kif fuq aħjar deskritti, l-Qorti qiegħda tillikwida l-ammont ta' erbat elef u ħames mitt Ewro (€ 4,500)."*

7. Is-soċjetà rikorrenti ressqet appell nhar id-29 ta' Marzu 2023, filwaqt li l-Avukat tal-Istat ressaq appell nhar id-29 ta' Marzu 2023 ukoll.

**Fatti**

8. Kif ġabret l-Ewwel Qorti, s-segwenti huma l-fatti tal-każ odjern:

> *12. Jirriżulta li kien ġie intavolat il-każ Francis E. Sullivan & Company Limited vs International Catering Srl (Rikors Numru 651/2015) fis-6 ta' Lulju 2015 liema sentenza ingħatat fis-6 ta' Ottubru 2015 (fol 6 u 179).*
>
> *13. Jirriżulta li fis-26 ta' Ottubru 2015, is-soċjeta' International Catering Srl ippreżentat rikors quddiem il-Qorti tal-Appell, kif jidher minn Dok B fol 10.*
>
> *14. Jirriżulta li fis-17 ta' Novembru 2015 is-soċjeta' Francis E. Sullivan & Compnay Limited ippreżentat ir-risposta tagħha, Dok C fol 11, fejn talbet lill-Qorti tal-Appell tiċħad l-appell tas-soċjeta' appellanti u tikkonferma s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess soċjetà appellanti.*
>
> *15. Jirriżulta illi fis-26 ta' Awissu 2020, l-appell Numru 651/2015/1 ġie appuntat għas-smiegħ għat-13 ta' Ottubru 2020, li jfisser li ġie appuntat ħames snin wara li ġie intavolat ir-rikors tal-appell.*
>
> *16. Jirriżulta li sussegwentement inħareġ avviż tas-smiegħ, u n-notifika kellha ssir lis-soċjeta' ġewwa Genoa, L-Italja, peress li fl-ewwel seduta tat-13 ta' Ottubru 2020, is-soċjeta' appellanta ma dehritx, l-appell ġie differit għall-istess skop għall-1 ta' Diċembru 2020, kif jidher mill-verbal Dok E fol 13.*
>
> *17. Jirriżulta li fis-seduta tal-1 ta' Diċembru 2020, is-soċjeta' appellanti reġgħet ma dehritx, u l-appell ġie differit sine die. Wara rikors l-appell ġie riappuntat għas-seduta tal-5 ta' Ottubru 2021.*
>
> *18. Jirriżulta illi fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2021, is-soċjeta' appellanti ma ħaditx ħsieb tikkawtela l-appell tagħha, il-Qorti reġgħet iddifferixxiet l-appell sine die kif jidher mill-verbal Dok H fol 16.*

9. Din il-Qorti rat ukoll illi ntbagħtet ittra lis-soċjetà rikorrenti, datata l-21 ta' Settembru 2016, mill-qrati ta' Genova ġewwa l-Italja (*fol 210 sa 212)*, permezz ta' liema ġiet infurmata li ġew mibdija proċeduri ta' falliment kontra s-soċjetà estera u li jekk kienet interessata tressaq talba fil-proċeduri kellha timxi mal-istruzzjonijiet inklużi f'dik l-ittra.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

10. Din il-Qorti rat li l-appell tal-Avukat tal-Istat jirrelata mas-sejbien ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tas-soċjetà rikorrenti hekk kif sanċiti bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u konsegwentement l-ewwel ser tindirizza dan l-appell, *stante* li jekk jintlaqa' jġib fix-xejn l-appell tas-soċjetà rikorrenti li tressaq biss fir-rigward tal-kumpens likwidat.

***L-Appell tal-Avukat tal-Istat***

11. Permezz **tal-ewwel aggravju** l-Avukat tal-Istat jilmenta li l-Ewwel Qorti daħlet fil-mertu tal-każ mingħajr ma kkunsidrat l-importanża tat-tielet eċċezzjoni mressqa minnu. Jargumenta li l-appell, li abbażi tiegħu tressqet il-kawża kostituzzjonali, kien għadu għaddej meta tressqet il-kawża odjerna u li b'hekk l-azzjoni kienet waħda intempestiva. Jisħaq ukoll li r-rikorrenti kellha rimedji li setgħet tużufruwixxi ruħha minnhom, fosthom, li meta saret taf bil-proċeduri ta' falliment ġewwa l-Italja fil-konfront tas-soċjetà International Catering SRL, setgħet tressaq rikors jew aktar minn rikors wieħed biex il-Qorti tal-Appell tappunta l-appell. Dan ma għamlitux avolja teżisti prassi li meta jintwera li hemm raġunijiet validi s-smigħ ta' kawża jista' jitħaffef. Għalkemm ir-rikorrenti tilmenta li d-dewmien fl-istadju tal-appell preġudikaha, ħaġa li wieħed irid jifhem billi

jara l-atti tal-falliment ġewwa l-Italja, hi setgħet tikkawtela l-pretensjoni tagħha billi titlob il-ħruġ ta’ mandati kawtelatorji u tipparteċipa fil-proċeduri ta’ falliment, u dan meta saret taf b’dawn il-proċeduri sena wara li tressaq l-appell.

12. Li kieku l-Ewwel Qorti ndagat it-tielet eċċezzjoni, setgħet tikkonkludi wkoll li ma tkomplix tindaga l-vertenza *ai termini* tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u 4(2) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali. Anke li kieku l-Ewwel Qorti kellha tiskarta din l-eċċezzjoni, il-kwistjoni tal-inerzja ċara tas-soċjetà rikorrenti kien ikollha xorta rilevanza fl-istadju tas-sejbien tal-leżjoni *o meno* fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-kumpens u dan jingħad għaliex l-Ewwel Qorti tat konsiderazzjoni għall-irwol tas-soċjetà International Catering Ltd meta llikwidat il-kumpens.

13. Is-soċjetà rikorrenti twieġeb li dan l-aggravju ma jreġġix u dan għaliex mhuwiex minnu li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx jekk il-kawża kinitx intempestiva. Il-partijiet indirizzaw din il-kwistjoni fin-nota ta’ sottomissjonijiet tagħhom, u li l-Ewwel Qorti ddikjarat li rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet. Fi kwalunkwe każ il-proċeduri ta’ appell ġew iddikjarati bħala deżerti fil-mori tal-proċeduri kostituzzjonali u li fuq kollox il-Qorti Kostituzzjonali esprimiet ruħha li l-fatt li proċeduri li minħabba fihom jitressaq l-ilment kostituzzjonali jkunu għadhom pendenti, ma jwaqqfux lil dak li jkun milli jressaq proċeduri kostituzzjonali. F’din il-

kawża huwa evidenti li għalkemm l-appell kien għadu *sine die* l-Ewwel Qorti xorta waħda setgħet tippronunzja ruħha u għal dan jaħti biss l-Istat.

14. **Din il-Qorti ma taqbilx mal-Avukat tal-Istat. Tqis li l-ilment tar-rikorrenti huwa fir-rigward tad-dewmien sabiex jiġi appuntat l-appell li fih hi kienet parti. Tqis li għalkemm hu minnu li fil-mument li tressqet din l-azzjoni quddiem l-Ewwel Qorti, l-appell kien għadu pendenti, madankollu dan ma jfissirx li r-rikorrenti ma kinitx diġà sofriet dewmien; biss biss mill-atti hu evidenti li r-rikors ta' appell fil-Qorti tal-Appell tressaq nhar is-26 ta' Ottubru 2015 u li l-ewwel seduta quddiem l-appell saret fit-13 ta' Ottubru 2020, dan kważi ħames snin wara.**

15. Din il-Qorti tqis li dan il-fatt waħdu kien biżżejjed biex l-Ewwel Qorti tiddetermina jekk fil-fatt ġiex leż id-dritt ta' smigħ xieraq tar-rikorrenti u dan abbażi ta' dewmien fil-proċeduri.

16. Din il-Qorti hawn tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Silvio Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-13 ta' Lulju 2018 fejn ġie kkunsidrat:

> *"<<..10. Il-Qorti tosserva li l-argument tal-appellant li l-ilment tar-rikorrent dwar il-ksur tad-dritt ghal smigh xieraq taht l-aspett tad-dewmien irragonevoli fil-proceduri, huwa intempestiv ghaliex il-Qorti trid thalli l-process kollu ghaddej qabel tistharreg u tiddetermina jekk kienx hemm ksur ta' dan id-dritt, huwa fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz manifestament zbaljat. Ghalkemm din il-Qorti tafferma il-principju fuq indikat li wara kollox gie diversi drabi enuncjat u applikat minnha u mill-Qorti Ewropea fil-qafas ta' allegat ksur tad-dritt ghal smigh xieraq, tqis li meta minn*

*ezami tal-process kompjut jirrizulta li gia` hemm dewmien eccessiv u irragonevoli fil-proceduri, u jkun ukoll evidenti li d-dritt tal-persuna li tallega l-vjolazzjoni jkun qed jigi intralcjat jew x'aktarx ser jigi intralcjat, mhux legalment konsentit li l-qorti tibqa' tistenna sakemm il-process kollu jinghalaq biex tiddeciedi hemmx lezjoni jew le. F'kaz bhal dan, fejn jezistu ragunijiet bizzejjed li fuqhom il-Qorti tkun tista' ssib li hemm lezjoni ta' dan id-dritt, m'ghandhiex toqghod tistenna sakemm il-proceduri jintemmu jew li jigi attwalment vjolat id-dritt invokat biex tiddeciedi dwar l-ilment...>>"*

17. Dan l-aggravju qiegħed b'hekk jiġi miċħud.

18. Permezz **tat-tieni aggravju** jilmenta li għalkemm l-Ewwel Qorti, fil-konsiderazzjonijiet tagħha saħqet li s-soċjetà International Catering Ltd hi responsabbli wkoll għad-dewmien xorta sabet li hemm ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti u dan billi abraċċat il-konstatazzjonijiet magħmula fil-kawża fl-ismijiet **Leo Micallef vs l-Avukat tal-Istat**, deċiża nhar it-30 ta' Settembru 2021 fir-rigward tal-problema li ma hemmx biżżejjed ġudikanti u ftit ħaddiema u li għalhekk ġiet ikkreata t-Tielet Sezzjoni fl-Appell u għal dan jaħti biss l-Istat.

19. Jargumenta li japprezza kif l-Ewwel Qorti tat konsiderazzjoni għall-diversi ċirkostanzi iżda b'differenza għall-kawża ċitata f'dan il-każ hemm l-involviment ta' terza persuna li abbużat mill-proċedura u konsegwentement is-sitwazzjonijiet f'dawn iż-żewġ kawżi ma jistgħux jitqiesu bħala identiċi. Il-fatti tal-kawża odjerna ġraw f'perjodi differenti meta l-istat għamel sforz kbir u investiment fis-sistema tal-qrati sabiex tingħata spinta u l-ġudikatura tkun mogħnija bl-aħjar għodda biex taqdi dmirijietha. Li kull każ għandu jitqies skont iċ-ċirkostanzi tiegħu u li l-

Ewwel Qorti kellha tikkunsidra x'kellu jsir biex żmien l-appell jitqassar, x'kien l-isforz magħmul mill-Istat, l-inerzja tas-soċjetà rikorrenti flimkien mal-abbuż proċedurali mwettaq mis-soċjetà estera.

20. L-Ewwel Qorti ma kkunsidratx kif fis-sena 2015/2016 l-Istat irdoppja n-numru ta' *court attorneys* biex jassistu l-ġudikatura jew li żdiedu l-ġudikanti biex iservu fil-qrati u kif ukoll żdied il-pakkett finanzjarju sabiex jiżdiedu l-vokazzjonijiet u ssir aktar attraenti din il-pożizzjoni. Li inħolqot ukoll it-Tielet Sezzjoni tal-Qorti tal-Appell. Li sar investiment sostanzjali wkoll li ppermetta li tinħoloq it-Tielet Sezzjoni tal-Qorti tal-Appell. Li sar investiment fit-teknoloġija sabiex isir it-*taking of evidence*, għal xhieda li jinsabu barra minn Malta, u sabiex jinqdew diversi obbligazzjonijiet assunti taħt il-Hague Convention u r-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea. Dan ma jistax jiġi nnegat u b'hekk mhux asserzjoni korretta li l-Eżekuttiv ma investiex biex jiżdiedu r-riżorsi.

21. Jisħaq li fil-każ odjern ma għandniex każ bħall-oħrajn u li irrispettivament mit-tul effettiv sabiex l-appell jiġi appuntat, kienet il-kumpanija estera li abbużat mill-proċedura biex ittawwal il-proċedura, u dan anke għaliex sena wara li tressaq l-appell bdew proċeduri ta' falliment. Konsegwentement mhuwiex tort tal-Istat li ġie kkawżat preġudizzju lir-rikorrenti, għaliex l-Istat issodisfa l-obbligu pożittiv li jipprovdi għodda proċedurali sabiex il-partijiet isolvu t-tilwima tagħhom. *In oltre* r-rikorrenti baqgħet mimlija inerzja u ma pparteċipatx fil-proċeduri ta'

falliment ġewwa l-Italja. Ma kien hemm xejn li jżommha milli tagħmel dan. Anqas ma tressqet xi prova li ma setgħetx tagħmel dan, u b'hekk ir-rikorrenti ma tistax targumenta li d-dewmien tal-appuntar tal-appell ikkawża lilha l-preġudizzju għaliex tilfet is-sorte pretiż minnha, u li t-*timing* tal-proċeduri tal-falliment ifisser li s-soċjetà estera diġà kellha problemi oħra, u b'hekk anke li kieku l-appell ġie mismugħ fi żmien qasir, xorta waħda r-rikorrenti kienet ser issib diffikultà fl-eżekuzzjoni tat-titolu.

22. Li kieku r-rikorrenti informat lill-Qorti tal-Appell b'dawn iċ-ċirkostanzi u għamlet talba biex il-kawża tiġi appuntata kien ikun probabbli li t-talba tintlaqa'. B'hekk ifisser li kwalunkwe preġudizzju li sofriet ir-rikorrenti kien frott l-inerzja tagħha u l-abbuż tas-soċjetà estera.

23. Li ma jaqbilx li l-Ewwel Qorti utilizzat ir-riga ta' *'somebody must pay'* u dan anke għaliex hi stess saħqet li, li kieku s-soċjetà estera kienet parti mill-kawża kienet issibha ħatja għad-dewmien.

24. Is-soċjetà rikorrenti wieġbet li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx biss sentenza waħda iżda diversi sentenzi u li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx li l-kawża odjerna hi identika għal dik kwotata mill-appellant Avukat tal-Istat iżda sempliċiment qablet mal-argumenti magħmula f'dik il-kawża. Fir-rigward tal-argumenti mressqa fuq l-investiment li għamel l-istat, ir-rikorrenti tisħaq li dawn huma argumenti politiċi u mhux legali u li ma tressqet l-ebda prova bħala fatt li dan seħħ. Li wieħed għandu jistrieħ fuq il-fatti li joħorġu mill-atti u li għalkemm l-Avukat tal-Istat jisħaq li l-

investiment li seħħ ma jistax jiġi nnegat, l-unika fatt li joħroġ li ma jistax jiġi nnegat huwa li r-rikors tal-appell dam kważi ħames snin sakemm ġie appuntat.

25. Targumenta li l-Avukat tal-Istat jinħeba wara s-soċjetà estera meta din ma kinitx parti mill-kawża. Iżda li l-fatt li s-soċjetà estera użat il-proċedura għall-iskopijiet tagħha ma tisvestix lill-Istat mill-obbligi tiegħu li jagħmel investimenti neċessarja fil-qasam tal-ġustizzja u jilleġisla sabiex jiġi assigurat il-proċess ġudizzjarju. Kif sostniet l-Ewwel Qorti, huwa l-Eżekuttiv unikament responsabbli għan-nuqqas ta' investiment li effettivament iwassal għad-dewmien. Hi tirribatti dak li argumenta l-Avukat tal-Istat, meta qal li baqgħet inerti u ma pparteċipatx fil-proċeduri ta' falliment ġewwa l-Italja u dan għaliex hi ma kinitx fil-pussess ta' titolu eżekuttiv.

26. **Il-Qorti tqis li huwa l-Istat li jrid jirrispondi għall-kawża ta' indoli kostituzzjonali fejn qed jiġi allegat dewmien fil-proċeduri ġudizzjarji u dan jiġi pruvat mingħajr ebda ħtija esklussiva jew kontributorja ta' terżi. Issa huwa minnu li bil-fatt waħdu li s-soċjetà estera appellat preġudikat lir-rikorrenti, imma d-dewmien ta' kważi ħames snin biex jiġi appuntat ir-rikors tal-appell ma jaħti ħadd għalih ħlief l-Istat.**

27. Huwa l-Istat li jaqsam ir-riżorsi tiegħu u li jrid jinvesti biex fl-aħħar mill-aħħar il-fergħa ġudizzjarja fis-separazzjoni tal-poteri tkun tista' tgħaddi ġudizzju fi żmien raġjonevoli. Anqas ma jista' jingħad li peress li s-soċjetà rikorrenti ma ressqitx xi rikors biex il-kawża tagħha tingħata priorità, dan hu biżżejjed biex jeħles lill-Istat mir-responsabbiltajiet tiegħu.

28. Jitqies ukoll li l-eżerċizzju li kellha tagħmel il-Qorti kien li tiddetermina jekk id-dewmien li sofriet ir-rikorrenti kienx leżiv. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali żviluppat erba' kriterji permezz tal-ġurisprudenza tagħha li għandhom jiġu kkunsidrati sabiex jiġi determinat jekk fil-fatt it-tul tal-proċeduri għandhomx ikunu meqjusa bħal leżivi:

> *"128. The Court reiterates that the reasonableness of the length of proceedings must be assessed in the light of the circumstances of the case and with reference to the following criteria: the complexity of the case, the conduct of the applicant and of the relevant authorities and what was at stake for the applicant in the dispute (see Frydlender v. France [GC], no. 30979/96, § 43, ECHR 2000-VII).*
>
> *129. It further refers to its settled case-law to the effect that even in legal systems applying the principle that the procedural initiative lies with the parties (Parteimaxime), as the German Code of Civil Procedure does, the parties' attitude does not dispense the courts from ensuring the expeditious trial required by Article 6 § 1 (see Guincho v. Portugal, 10 July 1984, § 32, Series A no. 81; Capuano v. Italy, 25 June 1987, § 25, Series A no. 119; Unión Alimentaria Sanders S.A. v. Spain, 7 July 1989, § 35, Series A no. 157; Duclos v. France, 17 December 1996, § 55, Reports of Judgments and Decisions 1996-VI; Pafitis and Others v. Greece, 26 February 1998, § 93, Reports 1998-I; H.T. v. Germany, no. 38073/97, § 35, 11 October 2001; Berlin v. Luxembourg, no. 44978/98, § 58, 15 July 2003; and McMullen v. Ireland, no. 42297/98, § 38, 29 July 2004). The same applies where the cooperation of an expert is necessary during the proceedings (see Scopelliti v. Italy, 23 November 1993, §§ 23 and 25, Series A no. 278; Martins Moreira v. Portugal, 26*

*October 1988, § 60, Series A no. 143; and Herbolzheimer, cited above, §§ 45 and 48).*

*It lastly reiterates that Article 6 § 1 imposes on the Contracting States the duty to organise their legal systems in such a way that their courts can meet each of the requirements of that provision, including the obligation to hear cases within a reasonable time (see Scordino, cited above, § 183; Cocchiarella, cited above, § 74; Duclos, cited above, § 55; Muti v. Italy, 23 March 1994, § 15, Series A no. 281-C; Caillot v. France, no. 36932/97, § 27, 4 June 1999; Herbolzheimer, cited above, § 48; and Doran, cited above, § 47). –* **ara CASE OF SÜRMELI v. GERMANY** (Application no. 75529/01)"

29. Huwa ampjament ċar li l-kweżit fir-rigward ta' jekk seħħx dewmien jew le jrid jiġi determinat fil-parametri tal-kriterji suċitati u mhux fil-parametri ta' jekk l-Istat għamilx investiment jew le, għaliex huma kawżi ta' dan it-tip li jirriflettu jekk fil-fatt sarx investiment biżżejjed biex id-drittijet taċ-ċittadini jiġu salvagwardati.

30. Il-proċeduri fil-każ odjern ma kinux kumplikati, huwa minnu li s-soċjetà rikorrenti ma ressqet l-ebda rikors biex tittanta tingħata prioritá fir-rigward tas-smigħ tal-appell, imma jekk wieħed jikkonsidra li r-rikorrenti damet kważi ħames snin tistenna li l-appell jiġi appuntant aktar u aktar ma kien hemm l-ebda garanzija li xi rikors ta' dan it-tip kien ser jintlaqa'. *In oltre* s-soċjetà rikorrenti kienet qed tittenta tirkupra kreditu u fl-aħħar mill-aħħar d-dewmien fil-każ odjern kien riżultat ta' sistema li ma kinitx qed tlaħħaq mal-piż u għal dik is-sistema l-Istat għandu jwieġeb.

31. Meqjus dan, din il-Qorti tqis li s-soċjetà rikorrenti sofriet ksur tad-dritt tas-smigħ xieraq u li dan l-aggravju għandu jiġi miċħud.

***L-Appell tar-rikorrenti***

32. Ir-rikorrenti tilmenta li ma taqbilx mal-Ewwel Qorti fejn ikkunsidrat li l-Istat mhux unikament responsabbli għad-dewmien in kwistjoni u li

kkontradixxiet lilha nnifisha meta qalet li huwa l-Eżekuttiv biss responsabbli. Il-qrati kellhom l-għodda neċessarja biex jindunaw li sar abbuż mis-soċjetà terza għall-gwadann tagħha u sabiex iwaqqfu dan. Li l-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti, ma jibdiex mat-telf ġgantesk li sofriet ir-rikorrenti fl-ammont ta' EUR 96,848.29 *oltre* imgħax legali li jammonta għall-sittin elf ewro (EUR 60,000).

33. L-Avukat tal-Istat ma jaqbilx mal-appell imressaq u jargumenta li r-rikorrenti qed tittanta tirkupra l-ammont sħiħ li kellha tirkupra mis-soċjetà estera meta din hi kawża kostituzzjonali mhux intiża għall-irkupru mingħand l-Istat tal-kreditu, u li mhijiex kawża ċivili għad-danni. Jisħaq li din mhux kawża ta' dewmien kwalunkwe u dan għaliex is-soċjetà estera wkoll hi responsabbli għad-dewmien minħabba li abbużat mill-proċedura tal-appell; ħaġa li l-Ewwel Qorti rrikonoxxiet. Li r-rikorrenti wriet inerzja meta saret taf bil-proċeduri ta' falliment u li l-għaġġla fis-smigħ tal-appell ma kinitx ser tbiddel wisq u li r-rikorrenti lanqas ittantat tressaq xi talba, permezz ta' liema kienet titlob li l-appell jinstema b'urġenza.

34. **Din il-Qorti tqis li** l-iskop ta' kwalunkwe kumpens mogħti minn din il-Qorti ma għandux l-għan li jimla l-vojt li tkun potenzjalment ħalliet azzjoni ċivili.

35. Issa terġa' u tgħid f'dan il-każ hemm diversi varjanti li juru li r-rikorrenti mhux neċessarjament kienet ser tirnexxi biex tirkupra lura l-

flejjes dovuti lilha, lil hinn mill-fatt li kien hemm dewmien sakemm ġie appuntat ir-rikors ta' appell, anke għaliex f'anqas minn sena minn meta tressaq l-appell, is-soċjetà rikorrenti kienet diġá rċeviet komunikazzjoni rigward il-proċeduri ta' falliment f'Genoa. Infatti hawn issir referenza wkoll għall-parti mix-xhieda ta' Alex Ellul Sullivan, direttur tas-soċjetà rikorrenti (*fol 228)*, fejn hu stess xehed li:

> *"<<..Ix-Xhud :*
> *Ahna konna diga hrigna disghin elf (90,000) euro. Meta nafu mill-esperjenza li jkun hemm dan il-falliment, jekk ikun hemm zero point ow five (0.05) of one per cent (1 %) recovery jkun hemm wisq. Ma' ninety thousand (90,000) ha naghmlu haga iktar spejjez sewwa … meta … meta dan ahna kieku kellna sentenza qabel … qabel ghall-appell li ghamlu huma … konna nkunu f'posizzjoni li huma mbezzghin li nistghu nohdulhom potenzjalment kollox dawn. Ghal dak li konna dovuti. Allura jien ha nidhol fi spejjez ta' xi elfejn (2000) euro ohra biex inqabbad avukat Taljan biex jghidilhom l-affarijiet li qed nghidilhom.*
>
> *Dr James D'Agostino :*
> *Igifieri inti t-twegiba tieghek hija le li ma qbadtux jew ma hadtux parir minn Avukat Taljan.*
>
> *Ix-Xhud :*
> *Mija fil mija (100 %) minn naha tieghi.*
>
> *Dr James D'Agostino :*
> *U jista' jkun li diga ghamilt accenn issa pero ghalfejn ma hadtux ic-cans tippartecipaw, imqar kontu tigbru bicca mic-cifra?*
>
> *Ix-Xhud :*
> *Mela mill-accounts li hemm … hemm hekk kien hemm recovery possibility ta' xi one hundred and fifty (150) euros. Jekk inti ticcekkja l-accounts … id-debts li ghandhom against il … l-assets li kellhom ma hemmx iktar minn zero point seventy five per cent (0.75 %) … jekk inti ticcekkja l-accounts li hemm.*
>
> *Dr James D'Agostino :*
> *U dan minn fejn sirt tafu?*
>
> *Ix-Xhud :*
> *Mill-kontijiet li tista' ticcekkja bl-internet li ghandhom dawn fil-falliment...>>"*

36. Dan meqjus, din il-Qorti ma tqisx li hemm raġuni li titbiegħed mill-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti sabiex tawmenta l-kumpens likwidat u sejra tiċħad dan l-aggravju billi l-kumpens likwidat hu mkejjel maż-żmien li dam sabiex jiġi appuntat l-appell. It-telf materjali li tallega s-soċjetà attriċi hu wieħed ipotetiku meta tqis illi f'anqas minn sena mill-ftuħ tal-appell mis-soċjetà estera, din daħlet fi proċeduri ta' falliment fejn l-istess soċjetà attriċi setgħet tikkawtela l-pożizzjoni tagħha bis-sentenza tal-Ewwel Qorti fil-proċeduri tal-falliment.

**Decide**

37. Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi li tiċħad iż-żewġ appelli mressqa. Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss